VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,294, 8 ta' Awwissu, 2014
Taqsima B

A.L. 270 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regoli tal-2014 dwar il-Programm ta' Residenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 56(23) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2014 dwar il-Programm ta' Residenza.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 2013.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni ppreżentata skont ir-regola 3(1);

"Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; Kap. 123.

"benefiċjarju" tfisser ċittadin tal-UE, ŻEE jew l-Isvizzera iżda m'huwiex ċittadin ta' Malta li jkun ingħata l-istatus speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli;

"ċittadin ta' pajjiz terz" tfisser persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni Ewropea fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea:

Iżda, għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, ċittadini taż-ŻEE u ċittadini tal-Isvizzera m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala ċittadini ta' pajjiż terz;

"dawn ir-regoli" tinkludi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56(23) tal-Att u r-regoli li jinsabu f'dawn ir-Regoli;

"dipendenti" tfisser:

(a) il-konjuġi tal-benefiċjarju jew persuna ma' min il-benefiċjarju għandu relazzjoni stabbli u mhux temporanja;

(b) tfal minuri inkluż tfal minuri adottati u tfal li jinsabu

VERŻJONI ELETTRONIKA

fil-kura u l-kustodja tal-benefiċjarju jew tal-persuna msemmija fil-paragrafu (a) hawn fuq;

(ċ) tfal taħt l-età ta' ħamsa u għoxrin, inklużi tfal adottati u tfal li jinsabu fil-kura u l-kustodja tal-benefiċjarju jew l-persuna msemmija fil-paragrafu (a) hawn fuq, iżda illi tali tfal mhux ekonomikament attivi;

(d) tfal inkuż tfal adottati u tfal li jinsabu fil-kura u l-kustodja tal-benefiċjarju jew l-persuna msemmija fil-paragrafu (a) hawn fuq, li m'humiex minuri iżda minħabba ċirkostanzi ta' mard jew diżabilità ta' natura gravi, ma jistgħux imantnu lilhom infushom;

(e) aħwa dipendenti u qraba diretti fil-linja axxendenti tal-benefiċjarju jew tal-persuna msemmija fil-paragrafu (a) hawn fuq;

u fi kwalunkwe każ -

L.S. 123.79
L.S. 123.129
L.S. 123.130
L.S. 123.134
L.S. 123.148
L.S. 123.141
L.S. 123.126

(i) mhuwiex benefiċjarju taħt ir-Regolamenti dwar Skema għal Residenti, ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera, ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera, ir-Regoli dwar il-Programm ta' Irtirar f'Malta, ir-Regoli dwar Programm ta' Residenza Globali, ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattivita' jew taħt ir-Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja; u

(ii) jgħix mal-benefiċjarju fil-proprjetà li tikkwalifika;

"drittijiet miksuba taħt din il-ligi" tfisser id-dritt li titħallas taxxa bir-rata kif previst fl-artikolu 56(23) tal-Att u f'dawn ir-Regoli;

"interess pubbliku" tinkludi l-interessi ta' sigurtà pubblika, il-ħarsien tal-ordni pubbliku, is-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali, is-saħħa pubblika jew il-morali pubblika;

"jum stabbilit" tfisser id-data meta l-Kummissarju jiddetermina bil-miktub li individwu jikkwalifika għal status speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli;

"kera" tinkludi sullokazzjoni;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tat-Taxxi;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"mandatarju awtorizzat" tfisser persuna li jkollha *warrant* biex teżerċita l-professjoni ta' avukat skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, persuna li jkollha *warrant* biex teżerċita l-professjoni ta' prokuratur legali skont il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, persuna li giet maħtura nutar pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, persuna li jkollha warrant biex teżerċita l-professjoni ta' accountant skont l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, persuna li tkun membru tal-*Institute of Financial Services Practitioners*, persuna li tkun membru tal-*Malta Institute of Taxation*, persuna li tkun membru tal-*Malta Institute of Accountants* jew persuna li tkun membru tal-*Malta Institute of Management*:

Kap. 12.

Kap. 55.

Kap. 281.

Iżda persuna li ma tkunx individwu, li jkollha mill-inqas 75% (direttament jew indirettament) tal-azzjonisti, imsieħba jew membri oħra tagħha, kif ikun il-każ, li jkunu persuni fil-pussess tal-warrants hawn fuq imsemmija jew hija membru ta' xi wieħed mill-institutes hawn fuq imsemmija, għandha tiġi kkunsidrata bħala mandatarju awtorizzat;

"mandatarju awtorizzat reġistrat" tfisser mandatarju awtorizzat li jkun reġistrat mal-Kummissarju skont dawn ir-regoli;

"mhux ekonomikament attivi" tfisser persuna li ma tkunx qed taħdem u mhux qed tfittex xogħol jew mhux disponibbli għax-xogħol;

"Ministri" tfisser il-Ministru għall-Finanzi u l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar;

"minuri" tfisser persuna ta' sess maskili jew femminili li ma tkunx għadha għalqet it-tmintax-il sena;

"nofsinhar ta' Malta" tfisser l-area b'konfini stabbiliti kif imsemmi fit-Tieni Skeda għall-Att dwar il-Kunsilli Lokali tal-lokalitajiet elenkati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regoli;

"persunal domestiku" tfisser individwu li kien f'relazzjoni ta' impjieg, kif attestat permezz ta' kuntratt ta' servizz, mal-benefiċjarju għal mill-inqas sentejn qabel l-applikazzjoni skont ir-regola 3: sakemm il-Kummissarju jkun sodisfatt li s-servizz huwa meħtieġ li jiġi pprovdut b'mod sħiħ jew parzjalment fil-proprjetà li tikkwalifika;

"proprjetà" tfisser kull proprjetà immobbli li tinsab f'Malta jew f'Għawdex u kull dritt fuq dik il-proprjetà;

"proprjetà li tikkwalifika" tfisser jew proprjetà li tikkwalifika li tkun mixtrija jew proprjetà li tikkwalifika li tkun mikrija, kif ikun il-

VERŻJONI ELETTRONIKA

każ;

"proprjetà mikrija li tikkwalifika" tfisser proprjetà mikrija għal mhux inqas minn:

(a) bla ħsara għall-paragrafu (b) hawn aktar 'l isfel, disat elef u sitt mitt euro (€9,600) fis-sena għal proprjetà li tinsab f'Malta; jew

(b) tmint elef u seba' mija u ħamsin euro (€8,750) fis-sena għal proprjetà li tinsab f'Għawdex jew fin-nofsinhar ta' Malta;

"proprjetà mixtrija li tikkwalifika" tfisser proprjetà immobbli mixtrija għal korrispettiv ta' mhux inqas minn:

(a) bla ħsara għall-paragrafu (b) hawn aktar 'l isfel, mitejn u ħamsa u sebgħin elf euro (€275,000) għal proprjetà li tinsab f'Malta; jew

(b) mitejn u għoxrin elf euro (€220,000) għal proprjetà li tinsab f'Għawdex jew fin-nofsinhar ta' Malta;

Iżda f'kaz ta' proprjetà immobbli mixtrija qabel id-data tal-pubblikazzjoni ta' dawn ir-regoli għal korrispettiv ta' inqas mill-ammonti msemmija fil-paragrafi (a) jew (b) hawn fuq għandha titqies li hija "proprjetà mixtrija li tikkwalifika" sakemm il-valur ta' tali proprjetà immobbli kif iddikjarat fid-data tal-applikazzjoni mill-applikant ma jkunx inqas mill-ammonti msemmija fil-paragrafi (a) jew (b) hawn fuq kif appoġġjata minn valutazzjoni separata u indipendenti ta' perit li tinkludi l-pjanti tal-perit liema dokumenti jiġu mogħtija lill-Kummissarju flimkien mal-applikazzjoni:

Iżda wkoll il-Kummissarju, jew xi uffiċjal, perit jew *surveyor* minnu awtorizzat bil-miktub, ikollu l-jedd kollu ta' aċċess liberu fil-proprjetà mixtrija li tikkwalifika sakemm dak l-aċċess x'aktarx ikun jista' jgħinu biex jistabbilixxi dak il-valur tal-imsemmija proprjetà;

"residenti permanenti ta' Malta" tfisser:

(a) persuna li għandha dritt ta' residenza permanenti skond l-artikolu 6 u hija fil-pussess ta' ċertifikat ta' residenza permanenti maħruġ skont l-artikolu 7 tal-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji Tagħhom; jew

L.S. 460.17

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) persuna li tapplika għal dritt ta' residenza permanenti skont l-artikolu 6 tal-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji Tagħhom; L.S. 460.17

"residenza primarja" tfisser id-dar ta' abitazzjoni li fiha individwu normalment ikollu r-residenza abitwali tiegħu bħala l-post fid-dinja fejn prinċipalment ikun jgħix;

"żamma ta' proprjetà li tikkwalifika" tfisser żamma li tinħoloq meta benefiċjarju jew:

(a) ikun is-sid ta' proprjetà li tikkwalifika mixtrija; jew

(b) jikri proprjetà li tikkwalifika bħala kerrej;

u, fiż-żewġ każijiet, jokkupa dik il-proprjetà bħala r-residenza primarja tiegħu:

Iżda dan sakemm il-persuni li jgħixu fil-proprjetà li tikkwalifika ma jkunux persuni oħra ħlief (a) il-benefiċjarju; u (b) persuni li jikkwalifikaw bħala dipendenti tiegħu jew persunal domestiku sakemm il-Kummissarju jkun ġie notifikat li dawn id-dipendenti jew persunal domestiku se jkunu hekk residenti;

"ŻEE" tfisser il-membri tal-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, in-Norveġja u Liechtenstein.

Status speċjali ta' taxxa.

3. (1) Individwu, kif debitament rappreżentat minn mandatarju awtorizzat reġistrat, jista' japplika għand il-Kummissarju għal status speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli fuq dik il-formola li l-Kummissarju jista' jeħtieġ u billi jħallas id-dritt amministrattiv li ma jistax jiġi rifuż ta' sitt elef euro (€6,000) mal-applikazzjoni:

Iżda f'applikazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-proprjetà kwalifikanti hija proprjetà mixtrija li tikkwalifika li tinsab fin-nofsinhar ta' Malta, id-dritt amministrattiv li ma jistax jiġi rifuż għandu jkun ta' ħamest elef u ħames mitt euro (€5,500) li jitħallas mal-applikazzjoni.

(2) Jekk jiġi stabbilit li l-individwu msemmi fis-subregola (1) jikkwalifika bħala benefiċjarju, il-Kummissarju għandu jiddetermina bil-miktub li dak l-individwu jikkwalifika għal status speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli.

(3) Wara l-mewt ta' benefiċjarju, l-istatus speċjali ta' taxxa mogħti skont is-subregola (2) għandu jingħata lil dipendenti ta' dak il-benefiċjarju mejjet li wiret il-proprjetà li kienet ir-residenza

VERŻJONI ELETTRONIKA

primarja ta' dak il-benefiċjarju, jew li jikri proprjetà mikrija li tikkwalifika immedjatament wara l-mewt tal-imsemmi benefiċjarju u jissodisfa l-ħtiġiet l-oħra kollha mfissra fir-regola 4. Tali status għandu jiġi trasferit darba biss ladarba l-imsemmi dipendenti jipprovdi prova lil-Kummissarju li r-rekwiżiti kollha tar-regola 4 huma sodisfatti b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi.

Benefiċjarju.

4. Benefiċjarju huwa individwu li m'huwiex residenti permanenti ta' Malta u li jagħti prova li tissodisfa lill-Kummissarju li:

(a) huwa ċittadin tal-UE, ŻEE jew l-Isvizzera iżda m'huwiex ċittadin ta' Malta;

L.S. 123.79
L.S. 123.129
L.S. 123.130
L.S. 123.134
L.S. 123.148
L.S. 123.141
L.S. 123.126

(b) mhuwiex benefiċjarju taħt ir-Regolamenti dwar Skema għal Residenti, ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera, ir-Regoli dwar Individwi ta' Valur Nett Għoli - Persuni li mhumiex Ċittadini tal-UE/ŻEE/Svizzera, ir-Regoli dwar il-Programm ta' Irtirar f'Malta, ir-Regoli dwar Programm ta' Residenza Globali, ir-Regoli dwar Impjiegi Kwalifikanti fl-Innovazzjoni u fil-Kreattività jew taħt ir-Regoli dwar Persuni li jkollhom Kwalifiki Għolja;

(ċ) jżomm proprjetà li tikkwalifika;

(d) jirċievi riżorsi b'mod stabbli u regolari li huma biżżejjed biex imantni lilu nnifsu u d-dipendenti tiegħu mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali f'Malta;

(e) għandu dokument validu għas-safar;

(f) għandu assigurazzjoni kontra l-mard għar-rigward tar-riskji kollha fl-intier tal-Unjoni Ewropea, li huma normalment koperti għal ċittadini Maltin, għalih innifsu u għad-dipendenti tiegħu;

(g) jista' jikkomunika b'mod adegwat f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' Malta; u

(h) huwa persuna xierqa u idonea.

Rata ta' 15%.

5. (1) F'dawn ir-regoli, ir-rata ta' ħmistax-il ċenteżmu (0.15) fuq kull euro għandha tapplika fuq kull *income* li jinqala' barra minn Malta matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima li jiġi riċevut f'Malta (inkluż *income* li jiġi minn barra minn Malta u riċevut f'Malta matul is-sena sħiħa li fiha ingħata l-istatus speċjali ta' taxxa) mill-benefiċjarju, mill-konjuġi tal-benefiċjarju u mit-tfal

VERŻJONI ELETTRONIKA

msemmija fil-paragrafu (b) u (d) tat-tifsira ta' "dipendenti" fir-regola 2, bil-possibbiltà li ssir talba għall-ħelsien mit-taxxa doppja skont l-artikolu 74(a) u (b) tal-Att:

Iżda l-inqas ammont ta' taxxa li għandu jitħallas skont dawn ir-regoli fir-rigward ta' *income* li jiġi minn barra tal-persuni msemmija f'din is-subregola għandhu jkun ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) għal kull sena ta' stima. Tali ammont minimu huwa pagabbli b'mod sħiħ kemm fis-sena li fiha jingħata l-istatus speċjali ta' taxxa u fis-sena meta l-individwu ma jibqax ikollu l-istess status speċjali ta' taxxa.

(2) L-*income* ta' benefiċjarju, tal-konjuġi tal-benefiċjarju u tat-tfal imsemmija fil-paragrafu (b) u (d) tat-tifsira ta' "dipendenti" fir-regola 2 li mhuwiex taxxabbli taħt dawn ir-regoli bir-rata msemmija fis-subregola (1) għandu jkun taxxabbli bħala *income* separat bir-rata ta' ħamsa u tletin ċenteżmu (0.35) fuq kull euro.

(3) Minkejja kull dispożizzjoni fl-Atti dwar it-Taxxi -

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b), it-taxxa minima msemmija fil-proviso għas-subregola (1) għandha titħallas mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena li taħbat minnufih qabel is-sena ta' stima. Tali ħlas għandu jkun akkumpanjat minn prospett magħmul għall-Kummissarju li jipprovdi prova li r-rekwiżiti tar-regola 4 għadhom jiġu sodisfatti. Dan il-prospett, li għandu jkun f'dik il-forma li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi, ma teħtieġx li tiġi ppreżentata fis-sena li fiha jiġi mogħti l-istatus speċjali ta' taxxa;

(b) fil-każ tas-sena li fih jiġi mogħti l-istatus speċjali ta' taxxa, fejn huwa evidenti li l-istatus speċjali ta' taxxa mhux ser jingħata qabel it-30 ta' April, it-taxxa minima msemmija fil-proviso għas-subregola (1) għandha titħallas qabel li jingħata l-istatus speċjali ta' taxxa;

(ċ) kull taxxa mħallsa taħt id-dispożizzjonijiet tas-subregola (1) m'għandhiex tiġi rifuża.

(4) (a) Minkejja kull dispożizzjoni fl-Att, individwu li jaqa' taħt it-tifsira ta' "resident li joqgħod għal żmien twil" fir-regola 2, għandu jkun taxxabbli fuq kull *income* li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk jasal Malta jew le fir-rigward ta' *income* imsemmi fl-artikolu 4 tal-Att u soġġett għat-taxxa skont ir-rati imsemmija fl-artikolu 56 tal-Att.

(b) Fil-każ fejn l-individwu msemmi fil-paragrafu (a) huwa

VERŻJONI ELETTRONIKA

benefiċjarju, dipendenti jew persunal domestiku, il-mandatarju awtorizzat reġistrat rilevanti għandu -

(a) jinvestiga u jikseb informazzjoni mingħand il-benefiċjarju rilevanti dwar jekk il-benefiċjarju jew xi dipendenti tiegħu jaqgħu taħt l-imsemmija tifsira ta' "resident permanenti ta' Malta" fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena mis-sena ta' meta ġiet stabbilita d-data 'l quddiem; u

(b) jinnotifika lill-Kummissarju dwar kull individwu li hu benefiċjarju jew dipendenti li jaqa' taħt l-imsemmija tifsira ta' "resident permanenti ta' Malta" sa mhux aktar tard mit-30 ta' April wara l-31 ta' Diċembru msemmi fil-paragrafu (a) fuq il-formola li l-Kummissarju jista' jiddetermina. Fejn il-mandatarju awtorizzat reġistrat ma jkunx kapaċi jikseb din l-informazzjoni, hu għandu jinnotifika lill-Kummissarju sal-imsemmi 30 ta' April dwar din is-sitwazzjoni u jipprovdi prova li saru mill-anqas żewġ tentattivi ta' tiftix. Fejn dawn in-notifiki ma jsirux fiż-żmien speċifikat, il-mandatarju awtorizzat reġistrat għandu jeħel piena amministrattiva ta' għaxart elef euro (€10,000).

Twaqqif tal-istatus.

6. (1) Individwu għandu, b'effett mill-jum stabbilit, jieqaf milli jkollu status speċjali ta' taxxa skont dawn ir-regoli:

(a) jekk l-individwu jsir ċittadin Malti jew ta' pajjiz terz;

(b) jekk, fi kwalunkwe żmien, wara l-jum stabbilit, dak l-individwu ma jżommx proprjetà li tikkwalifika, inkluż fil-każ fejn l-istess individwu jikri jew jissulloka ż-żamma ta' proprjetà li tikkwalifika;

(ċ) jekk, fi kwalunkwe żmien, wara l-jum stabbilit, dak l-individwu jsir residenti permanenti ta' Malta;

(d) jekk, wara l-jum stabbilit, ma jkollux assigurazzjoni kontra l-mard għar-rigward tar-riskji kollha, li huma normalment koperti għal ċittadini Maltin għalih innifsu u għad-dipendenti tiegħu;

(e) jekk il-preżenza tal-individwu ma tkunx fl-interess pubbliku; jew

(f) jekk l-individwu joqgħod f'ġurisdizzjoni oħra għal aktar minn mija u tlieta u tmenin ġurnata f'sena kalendarja.

(2) Individwu li jieqaf milli jkollu status speċjali ta' taxxa għal

VERŻJONI ELETTRONIKA

xi waħda mir-raġunijiet speċifikati fis-subregola (1) għandu javża lill-Kummissarju dwar dan il-fatt mhux aktar tard minn erba' ġimgħat mid-data meta jsir jaf b'dan il-fatt. Din in-notifika għandha ssir fuq dik il-formula kif jista' jeħtieġ il-Kummissarju.

Fejn din in-notifika ma ssirx fiż-żmien speċifikat, il-persuna responsabbli għal dan teħel piena amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000).

(3) Individwu għandu, b'effett immedjat, jieqaf milli jkollu status speċjali ta' taxxa mis-sena ta' stima relattiva skont dawn ir-regoli jekk javża lill-Kummissarju bl-intenzjoni tiegħu li ma jibqax ikollu status speċjali ta' taxxa fuq dik il-formula li l-Kummissarju jista' jeħtieġ.

(4) Individwu għandu, b'effett mill-bidu tas-sena ta' stima relativa, jieqaf milli jkollu status speċjali ta' taxxa taħt dawn ir-regoli jekk jikser xi dispożizzjoni tal-Att u, jew tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

(5) Il-Ministri jkollhom konġuntement is-setgħa li jaħfru xi nuqqas ta' konformità ma' xi waħda mill-kondizzjonijiet fis-subregola (1) jekk:

(a) dak in-nuqqas kien ikkaġunat minn ċirkostanzi mhux previsti u li ma setgħux ikunu kontrollati mill-individwu;

(b) dak l-individwu javża lill-Ministri dwar dak in-nuqqas; u

(ċ) dak l-individwu eżerċita l-aħjar sforzi tiegħu biex jirrimedja dak in-nuqqas.

Talba għal informazzjoni.

7. (1) Sabiex jiġi stabbilit jekk individwu huwiex intitolat għal drittijiet miksuba skont dawn ir-regoli u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli, il-Kummissarju jista' jitlob lill-individwu biex jipproduċi, fiż-żmien indikat mill-Kummissarju f'dik it-talba, dik l-informazzjoni u dokumenti li l-Kummissarju jidhirlu li jkunu neċessarji, inklużi ċertifikazzjonijiet u dikjarazzjonijiet.

(2) Minkejja kull dispożizzjoni oħra f'xi att, il-Kummissarju u l-awtorità kompetenti fir-rigward tal-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji Tagħhom jistgħu jiskambjaw informazzjoni li tkun fil-pussess tagħhom li tikkonċerna individwu - L.S. 460.17

(a) li jagħmel applikazzjoni skont ir-regola 3;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) li huwa benefiċjarju; jew

(ċ) li għandu status ta' residenti permanenti ta' Malta skont l-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji Tagħhom.

L.S. 460.17

Din l-informazzjoni tista tiġi skambjata għall-finijiet ta' dawn ir-regoli u għall-finijiet ta' status ta' residenti permanenti ta' Malta skont l-Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji Tagħhom.

L.S. 460.17

Abbuż ta' drittijiet.

8. Jekk individwu jikseb benefiċċji taħt dawn ir-regoli meta dik il-persuna ma kenitx hekk intitolata, il-Kummissarju jista' joħroġ stima skont l-artikolu 31 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

Obbligu dwar rappurtar kull sena.

9. Il-prospett meħtieġ skont l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandu, fil-każ ta' benefiċjarju skont dawn ir-regoli, jinkludi dik il-formula kif il-Kummissarju jista'jeħtieġ.

Kap. 372

Mandatarju awtorizzat reġistrat.

10. (1) Individwu għandu jawtorizza persuna li tkun mandatarju awtorizzat reġistrat biex taġixxi f'ismu fir-rigward tal-applikazzjonijiet, korrispondenza, sottomissjonijiet, preżentati, dikjarazzjonijiet u notifiki kollha previsti skont dawn ir-regoli. L-atti kollha bħal dawn għandhom jiġu ppreżentati mill-imsemmi mandatarju awtorizzat reġistrat.

(2) L-awtorizzazzjoni msemmija fis-subregola (1) għandha ssir fuq dik il-formula kif il-Kummissarju jista' jeħtieġ.

(3) Sakemm il-Kummissarju ma jawtorizzax speċifikament bil-miktub, persuna ma tistax tawtorizza aktar minn mandatarju awtorizzat wieħed.

(4) Ir-reġistrazzjoni mal-Kummissarju bħala mandatarju awtorizzat reġistrat għandha ssir billi tiġi preżentata u mogħtija lill-Kummissarju dik il-formula kif il-Kummissarju jista' jeħtieġ.

(5) Ir-reġistrazzjoni bħala mandatarju awtorizzat reġistrat skont dawn ir-regoli tkun bla ħsara għal dawk il-pattijiet u kondizzjonijet li l-Kummissarju jista' jimponi minn żmien għal żmien.

(6) L-aċċettazzjoni tar-reġistrazzjoni skont dawn ir-regoli għandha tiġi notifikata mill-Kummissarju lill-persuna li titlob dak ir-reġistrazzjoni.

(7) Meta persuna li tkun ġiet reġistrata mal-Kummissarju tixtieq tħassar dik ir-reġistrazzjoni, din il-persuna għandha tagħmel

VERŻJONI ELETTRONIKA

talba fuq dik il-formula kif il-Kummissarju jista' jeħtieġ.

(8) Meta mandatarju awtorizzat reġistrat ripetutament jonqos milli jwettaq funzjoni meħtieġa taħt dawn ir-regoli, hu jieqaf milli jkun mandatarju awtorizzat reġistrat. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "ripetutament" tfisser nuqqas ta' twettiq tal-funzjonijiet meħtieġa taħt dawn ir-regoli għal aktar minn darbtejn.

SKEDA

(Regola 2)

Lokalitajiet għall-fini tat-tifsira ta' "nofsinhar ta' Malta"

Birgu

Birżebbuġa

Bormla

Fgura

Għaxaq

Gudja

Isla

Kalkara

Kirkop

Luqa

Marsaxlokk

Mqabba

Qrendi

Raħal Ġdid

Safi

Santa Luċija

Siġġiewi

Tarxien

Wied il-Għajn

Xgħajra

Żabbar

Żejtun

Żurrieq